MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 825/1997/1

Mario Gambin
vs
Chairman Bank of Valletta Limited

Illum 2 ta' Dicembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fil-11 ta' Novembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1992 u anke f'Mejju 1995 r-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ta' Manager.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Bank of Valletta Limited fl-1977 u li fil-prezent ghandu l-grad ta' Supervisor A.  Illi wara perjodu twil ta' zmien jahdem fil-Branch ta' Republic Street, ir-rikorrent f'Awissu 1987 gie trasferit ghal ma' l-International Division.  Illi waqt

li kien fl-International Division ir-rikorrent kien responsabbli ghax-xoghol li kellu jsir biex il-Bank li kien impjegat tieghu jadatta ruhu ghas-sistema kompjuterizzata maghrufa bhala “swift”. Illi r-rikorrent kien attenda courses biex jitghallem aktar dwar din is-sistema gdida u r-rikorrent kien sahansitra inkarigat biex jghallem lil supervisors u clerks ohra ukoll impjegati mal-bank. Illi ghalkemm kien hemm Manager responsabbli mis-sistema “swift” ix-xoghol kollu ta’ din is-sistema kien f’idejn ir-rikorrent:

Illi f’Gunju 1992 kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjoni ta’ Manager I. Illi minkejja l-abbilita` u esperjenza fix-xoghol, ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni. Illi persuni ohra b’inqas esperjenza u seniority minn tar-rikorrent inghataw din il-promozzjoni.

Illi f’April tal-1995, ir-rikorrent rega’ applika ghall-promozzjoni ohra ta’ Manager I. Illi minkejja li sa dan iz-zmien r-rikorrent kompla gab izjed esperjenza u sahansitra kien ghamel xoghol ta’ Manager gewwa l-Ledgers Department xorta wahda ma nghatax il-promozzjoni ta’ Manager I. Din id-darba wkoll persuni ohra b’inqas seniority u esperjenza minn tar-rikorrent inghataw il-promozzjoni ta’ Manager I.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal lix-xhieda kollha ndikati f’dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li r-rikorrent jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni ta’ Manager I u dan b’lura mid-data li kienu haqqu jiehu din il-promozzjoni, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont ta’ kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat Chairman Bank of Valletta fejn wiegeb illi fil-11 ta' Novembru 1997, ir-rikorrent Mario Gambin ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi ssottometta li hu ilu jahdem mal-BOV mill-1977 u li saret ingustizzja mieghu peress li ghadu fil-grad ta' Supervisor II u meta ma nghatax promotion ghal Manager I.

Illi r-rikorrent qed jallega illi hass li saret ingustizzja mieghu ghax kull darba illi l-Management tal-BOV hareg promozzjonijiet, huwa ghalkemm dejjem kellu rapporti tajbin mis-superjuri tieghu, dan il-grad jew inghatalu tard jew qatt ma nghatalu.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager I mid-data li kien haqqu ssir bhal ma saru ma shabu u li jigi kumpensat ghal flus li tilef konsegwenza tal-promozzjoni li kellu jinghata, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

Illi ghandu jinghad illi l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita azzjonijiet vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Mario Gambin inkwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi promoss u ohrajn le u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Mario Gambin ma allegax fl-ebda waqt li inghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju qieghed jallega l-istess Mario Gambin.

Illi l-Artiklu 6(1) ta' Att VIII ta' l-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' lmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn il-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

***It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni, jew***

***preferenza <u>indebita</u> li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi…..***

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu ***xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita***, tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghaldaqstant, l-intimati Bank of Valletta Limited, talbu li dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-Bank of Valletta fis-16 ta' Mejju 1977. Beda fil-branch ta' Birkirkara fejn baqa' sa l-1979 u mbaghad fil-fergha ta' Triq ir-Repubblika sal-20 ta' April 1980, mar Malta International Airport sa Lulju 1980 u rega' mar lura fil-fergha ta' Triq ir-Repubblika u dam hemmhekk sal-14 ta' Marzu 1985 fejn rega' ntbaghat il-Malta International Airport sa Mejju 1985. Rega' gie trasferit fil-fergha ta' Triq ir-Repubblika sat-23 ta' Awissu 1987 minn fejn intbaghat l-International Division biex jahdem fuq is-'swift' exchange control system fejn dam sa l-1992. Wara dan ntbaghat jahdem fil-Foreign Ledgers Department. Fl-1 ta' Mejju 1998 inghata kariga ta' Manager B.

F'din il-kawza r-rikorrent qed jilmenta illi fis-sejha ghall-applikazzjonijiet illi saru f'Gunju 1992 u f'Mejju 1995 huwa ma nghatax il-promozzjoni li haqqu bhala Manager, u talab lil dan it-Tribunal jaghtih rimedju billi jordna lill-intimat Bank jaghtih promozzjoni ta' Manager b'effett minn wahda minn dawn id-dati jew inkella kumpens relattiv. It-Tribunal jirrileva illi bil-promozzjoni tieghu ghal Manager B b'effett

mill-1 ta' Mejju 1998 gie sanat parti mit-talba tieghu ghal hatra ta' Manager u jibqa' ghalhekk it-talba ta' kumpens jekk ikun il-kaz ghat-telf li huwa garrab bejn Gunju 1992 jew Mejju 1995 skond il-kaz. L-ilment principali tar-rikorrent qiegħed fil-fatt li kemm fl-1992 u fl-1995 kien diga qed jaghmel xoghol Manigerjali avolja ma kellux il-grad.

Ikkunsidra

Illi fis-snin fuq imsemmija, s-sejha ghall-applikazzjonijiet saret fl-isfond tal-collective agreement li l-Bank kellu mal-GWU. Dan l-agreement ikopri wkoll l-promozzjonijiet illi kellhom isiru fuq hames kriterji partikolari, li huma merit, aptitude, seniority, esperjenza u kwalifiki, mhux necessarjament f'din l-ordni. Skond il-collective agreement kienet ir-responsabbilita` tal-Management li jaghti l-marki ghal kull kategorija skond il-personal file ta' l-applikant. Ghal dawk li huma kwalifiki u seniority, peress li m'hemm xejn soggettiv f'dawn iz-zewg kwalifiki l-bord kien ftiehem minn qabel kemm ghandu jalloka ghalihom punti. Irrizulta wkoll li dak iz-zmien kien qed jigi phased out il-grad ta' "Assistant Managers" li kienu qed jigu promossi ghal Manager I. Ghalhekk meta harget l-applikazzjoni ghal din l-ahhar posting il-bord kien iddecieda li 60% tal-postings jinghataw lil Assistant Managers u l-40% l-ohra lis-Supervisors II, il-grad li kien jaqa' fih ir-rikorrent. Barra minn hekk, min kien gradwat universitarju kellu jkun preferut. Ir-rikorrent fiz-zewg ezercizzji ma ntghazilx u filwaqt li mhux qed jaghmel oggezzjoni ghal min ha l-promozzjoni u kien iggradwat, irrileva li kien hemm ohrajn li kienu inferjuri ghalih kemm ghal dak li huwa seniority kif ukoll esperjenza u attitudni ghax-xoghol li hadu l-promozzjoni meta hu fil-fatt baqa' l-art. Hawnhekk li r-rikorrent lmenta li tenut kont ir-responsabbilitajiet illi kellu fi hdan Dipartiment specjalizzat, il-bord ta' l-ghazla ma tahx l-punti li kien jisthoqqlu biex b'hekk tilef l-opportunita` illi javvanza fil-Bank.

Ikkunsidra

Li t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kontribut li r-rikorrent ta' fil-qasam tal-kompjuterizzazzjoni tal-Bank kien wiehed notevoli. Minkejja li kien supervisor II dan kien qieghed jaghmel xoghol ekwivalenti ghal Manager tant hu hekk li meta l-Bank introduca s-sistema kompjuterizzarta kien hemm persuna fi grad ta' Manager A bhala Kap. Fiz-zmien lamentat dan kien Anthony Pace Balzan li ta x-xhieda tieghu f'dawn l-atti fejn spjega l-operat tar-rikorrent u l-kontribut li huwa ta' kemm lic-centru kif ukoll lill-impjegati tal-Bank sabiex joperaw is-sistema. Anthony Pace Balzan huwa kollu tifhir ghall-hidma illi ghamel ir-rikorrent u jghid fost affarijiet ohra li ma kien hemm hadd li kien fi grad aktar gholi mis-Sur Gambin fl-istess Dipartiment li kien kompetenti daqs is-Sur Gambin (fol 27).

L-istess Josephine Fenech Borg u Lino Calleja illi kienu Managers fid-Dipartimenti fejn kien jahdem ir-rikorrent. Fil-fatt jidher illi r-rikorrent kellu personal relationships tajbin kemm mas-superjuri kif ukoll ma' l-impjegati l-ohra u fil-personal appraisal reports tieghu kollha jidhru notamenti pozittivi ghal operat u hidma tieghu fi hdan il-Bank. Madankollu kif tajjeb osserva r-rikorrent fin-nota ta' osservazzjoni tieghu meta gie biex jigi moghti l-marki, ghal dak illi huwa merit, aptitude u experience inghata marki verament baxxi hdejn haddiehor.

It-Tribunal mhux qieghed hawnhekk jiddiskuti r-ragunamenti wara l-punteggi li gab haddiehor peress li dawn mhumiex fil-kawza u t-Tribunal m'ghandux l-informazzjoni kollha fuq xhiex jista' jiggudika r-ragunamenti wara l-punti moghtija lil terzi. Pero` jibqa' l-fatt li mehud in konsiderazzjoni l-marki li gab ir-rikorrent hdejn dawk li gew promossi, t-Tribunal jidhirlu li l-marki huma verament puerili. L-istruttura operata mill-Bank ghall-hatra tal-promozzjoni hija wahda gusta u konformi mal-ftehim kollettiv vicenti dak iz-zmien. Pero` dan il-ftehim ma jghidx kif ghandu jkun kompost il-bord u xi kriterji ghandhom jintuzaw biex jallokaw punti. Ghalhekk dawn baqghu soggettivi kemm ghal Bank kif ukoll ghal bord illi kien qieghed jinvestiga u jekk it-Tribunal ghandu x'jiccensura mhuwiex fl-istruttura ta' l-ghazla izda ghal

mod kif arbitrarjament il-bord gie biex jalloka punti favur persuna u mhux favur ohra. Veru rrizulta illi l-membri tal-bord indipendentement ikollhom il-file relattiv ta’ kull kandidat u dawn separatament jaghmlu l-valutazzjonijiet taghhom u huwa l-aggregate li finalment jigi komunikat ghal eventwali promozzjoni, izda anki dawn huma baxxi.

Pero` it-Tribunal ma jistax ma jinnotax certa preferenza favur kandidati li jkunu qed jahdmu fil-personnel section jew inkella fl-ufficju tac-Chairman. L-aktar li jispikkaw f’dan ir-rigward huma Emily Grech u Maurice Callus fejn inghataw punti gholjin hafna ghal dak li huma merit, aptitude u experience mentri r-rikorrent li kien kwalifikat daqshom jew iktar, inghata punti baxxi. It-Tribunal ma giex moghti r-ragunijiet x’wassal il-membri tal-Bord sabiex jaghtu dawk il-punti lir-rikorrent. It-Tribunal jirrealizza d-diffikulta li seta’ kellu l-bord ta’ l-ghazla meta kellu quddiemu nies kompetenti u ta’ l-affari taghhom fil-qasam tax-xoghol illi kellhom. It-Tribunal jifhem ukoll illi l-Bank joqghod attent ghan-nies li jimpjega li jkunu ta’ kwalita` gholja mill-bidu nett, ghalhekk aktar ma javvanzaw aktar jakkwistaw esperjenza u jsiru esperti fil-qasam taghhom. Din id-diffikulta tkompli tizdied meta jkun hemm hafna aktar applikazzjonijiet milli hemm postijiet vakanti.

Madankollu t-Tribunal jidhirlu illi fil-postings illi kellu r-rikorrent specjalment fil-qasam tal-kompjuterizzazzjoni u fir-relazzjonijiet ma banek fl-esteru, ghal dak li jirrigwarda t-trasferimenti tal-flus minn bank ghal iehor, il-bord ta’ l-ghazla kellu jaghti aktar piz lil esperjenza u kapacita` tar-rikorrent illi jaghmel xoghol fi grad ta’ Head meta huwa lanqas kellu dak il-grad. It-Tribunal isibha ferm difficli illi r-rikorrent jaccetta l-fatt li wara li jkun ghamel dak il-kontribut kollu, jigi mtellef promozzjoni ghall-istess grad li fih kien diga jahdem. It-Tribunal ukoll jidhirlu li l-argumenti migjuba mir-rikorrent fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu huma aktar sodi minn dawk migjuba mill-Bank intimat. Ir-rikorrent kien haqqu jiehu l-grad ta’ Manager I mill-anqas sa mill-1992. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ghandu d-dritt jilmenta mit-trattament li gie moghti lilu mill-Bank intimat, fejn minkejja l-kontribut siewi li ta’ fil-qasam tekniku kif ukoll minkejja r-rapporti pozittivi

illi saru kull sena fil-konfront tieghu, gie mcahhad minn dak li meritatament kien jisthoqqlu.  It-Tribunal ihoss li r-rikorrent haqqu ahjar u l-punti allokati lilu mill-bord ta' l-ghazla kienu ferm baxxi fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent, jirrakkomanda lill-Bank intimat sabiex jikkonferma lir-rikorrent fil-grad ta' Manager I b'effett mill-1992 bi hlas fid-differenza fil-paga sat-30 ta' April 1998 minghajr telf fis-seniority.  Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------